MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1170/2005

**B.A.S. Ltd (C 444)**

**vs**

**AC Cars Manufacturing Limited (30159)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm25,305.90) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta' trasport u spejjez relatati rezi lis-socjeta` konvenuta bejn is-6 ta' Gunju 2005 u t-30 ta' Awissu 2005 fuq ordnijiet taghha stess, kif jidher mill-prospett hawn anness bhala Dok. "A", u mill-*invoices* tas-socjeta` attrici numri S 10568, S 10569, S 10570, S

10682, S 10683, S 10684 u E 52777, hawn annessi bhala Dok. "B 1" sa "B 7" rispettivament;

Illi s-socjeta` konvenuta naqqset milli tottempera ruhha mat-termini tal-"*Credit Agreement*" datat 15 ta' April 2005 (Dok. “C”);

Illi l-istess socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, anki permezz ta' l-ittri tat-12 ta' Ottubru 2005, tal-25 ta' Ottubru 2005 u tat-2 ta' Novembru 2005 (Dok. "D", "E" u "F" rispettivament), biex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont minnha dovut, izda din filwaqt li ammettiet li ghandha thallas (Dok. "G") xorta baqghet inadempjenti;

Illi d-dejn tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) *"et sequitur"* tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici u mmarkat bhala Dok. "H";

Illi l-istess socjeta` attrici ghalhekk tablet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' **l-artikoli 167 - 170** tal-Kodici ta' L-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm25,305.90) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' trasport u spejjez relatati rezi lis-socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha stess; u

(3) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u

hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm25,305.90) bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Ottubru 2005 sad-data tal-hlas effettiv;

(4) Tordna l-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kwatelatorju u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ipprezentati kontestwalment, kontra s-socjeta` konvenuta, li r-rapprezentanti taghha jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 11 ta' Jannar 2006 li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm23,105.90) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat li d-difensur tas-socjeta` konvenuta Dr Katya Mercieca u s-socjeta` konvenuta tramite r-rapprezentant taghha John Owen ammettew it-talba kif ridotta, kollox skond il-verbal tal-11 ta' Jannar 2006.

Illi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatament ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm23,105.90) u bl-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni attrici u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------